SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

6 ta' Ottubru 2009*

Fil-Kawża C-267/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Klagenfurt (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Ġunju 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Ġunju 2008, fil-proċedura

SPÖ Landesorganisation Kärnten

vs

Finanzamt Klagenfurt,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President tal-Awla, J.-C. Bonichot, J. Makarczyk (Relatur), L. Bay Larsen u C. Toader, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: M. Poiares Maduro,
Reġistratur: K. Malaček, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' April 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Finanzamt Klagenfurt, minn J. Wogrin, bħala aġent, assistit minn G. Lackner, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Grieg, minn O. Patsopoulou, S. Trekli u V. Karra, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn D. Triantafyllou, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva tal-VAT").

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest ta' kawża bejn SPÖ Landesorganisation Kärnten, li hija s-sezzjoni tal-partit soċjalista Awstrijak f'Carinthia (iktar 'il quddiem il-"Landesorganisation", kontra Finanzamt Klagenfurt dwar it-trattament fiskali, mill-aspett tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT"), ta' ċerti attivitajiet ta' pubbliċità mwettqa minn din is-sezzjoni għan-nom tal-gruppi reġjonali u lokali tal-imsemmi partit fil-provinċja ta' Carinthia, matul is-snin 1988 sal-2004.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 L-Artikolu 4 tas-Sitt Direttiva tal-VAT jipprovdi kif ġej:

"1. 'Persuna taxxabbli' tfisser kull persuna li b'mod indipendenti twettaq fi kwalunkwe post attività ekonomika [waħda mill-attivitajiet ekonomiċi] msemmija fil-paragrafu 2, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

2. L-attivitajiet ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-attivitajiet kollha ta' produtturi, kummerċjanti u persuni li jagħtu [jipprovdu servizzi], magħduda attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skop ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandu wkoll jitqies bħala attività ekonomika.

[...]

5. Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku m'għandhomx jitqiesu bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-attivitajiet jew operazzjonijiet li huma jagħmlu bħala awtoritajiet pubbliċi, ukoll meta jiġbru drittijiet, tariffi, kontribuzzjonijet jew ħlasijiet marbuta ma' dawn l-attivitajiet jew operazzjoni-jiet.

Iżda meta jidħlu biex jagħmlu dawn l-attivitajiet, huma għandhom jitqiesu taxxabbli fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet jew operazzjonijiet, billi jekk jitqiesu bħala persuni mhux taxxabbli dan iwassal għal distorzjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni.

[...]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

4 L-Artikolu 1 tal-Liġi dwar il-Partiti (Parteiengesetz), li għandha status kostituzzjonali, jipprovdi:

"(1) L-eżistenza u l-multipliċità ta' partiti politiċi huma elementi essenzjali tas-sistema demokratika tar-Repubblika tal-Awstrija [Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni Federali Awstrijaka].

(2) Il-parteċipazzjoni fil-formazzjoni tar-rieda politika huwa wieħed mill-kompiti tal-partiti politiċi.

[...]"

5 Skont l-Artikolu 6 tal-Liġi dwar emendi fiskali tal-1975 (Abgabenänderungsgesetz 1975), fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli fiskali stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tal-Kodiċi Fiskali Federali (Bundesabganbenordnung), il-partiti politiċi għandhom jitqiesu

bħala korpi rregolati bid-dritt pubbliku jekk għandhom personalità ġuridika skont l-Artikolu 1 tal-Liġi dwar il-Partiti.

6 L-Artikolu 2 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ tal-1994 (Umsatzteuergesetz 1994) jiddefinixxi l-kunċetti ta' imprenditur u ta' impriża. Il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jirrigwarda l-korpi rregolati bid-dritt pubbliku.

7 Skont l-imsemmi paragrafu 3, il-korpi rregolati bid-dritt pubbliku jwettqu, fil-prinċipju, attivitajiet ekonomiċi jew professjonali esklużivament fil-kuntest tat-tranżazzjonijiet tagħhom ta' natura kummerċjali, fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji tal-1988 (Körperschaftsteuergesetz 1988), b'riżerva għall-eċċezzjonijiet li mhumiex rilevanti f'dan il-każ.

8 L-Artikolu 2 ta' din il-liġi jiddefinixxi tranżazzjoni ta' natura kummerċjali ta' korp irregolat bid-dritt pubbliku, kif ġej:

"(1) Hija tranżazzjoni ta' natura kummerċjali ta' korp irregolat bid-dritt pubbliku, kull entità li:

— hija ekonomikament awtonoma u

— twettaq esklużivament jew prinċipalment attività ekonomika privata kontinwa u importanti u

— bl-għan li tirċievi dħul jew, fil-każ ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet ekonomiċi ġenerali, bl-għan li tirċievi vantaġġi ekonomiċi oħra u

— li ma toperax fil-qasam forestali jew agrikolu (Artikolu 21 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-1988 [Einkommensteuergesetez 1988]).

L-għan li jsiru profitti mhuwiex meħtieġ. L-attivitajiet tal-korp huma dejjem meqjusa bħala tranżazzjoni kummerċjali.

[...]

(4) Tranżazzjoni ta' natura kummerċjali hija xorta suġġetta kompletament għal taxxa anki meta hija nnifisha hija korp irregolat bid-dritt pubbliku.

(5) Attività li sservi prinċipalment għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika (tranżazzjoni pubblika) ma tikkostitwixxix attività ekonomika privata fis-sens tal-paragrafu (1). L-eżerċizzju tal-awtorità pubblika huwa muri, b'mod partikolari, mill-fatt li jirrigwarda provvista ta' servizzi li l-benefiċjarju għandu jaċċetta minħabba dispożizzjonijiet legali jew amministrattivi."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 Ir-rikors fil-kawża prinċipali ġie ppreżentat mil-Landesorganisation. Din is-sezzjoni, li għandha personalità ġuridika, wettqet ċerti attivitajiet għall-gruppi reġjonali u lokali subordinati tagħha, fil-qasam tar-relazzjonijiet pubbliċi, tal-pubbliċità u tal-informazzjoni, li huma attivitajiet meqjusa bħala "pubbliċità esterna". B'mod partikolari, hija xtrat materjal ta' pubbliċità qabel l-elezzjonijiet li sussegwentement qassmet, b'fattura, lid-diversi gruppi reġjonali u lokali skont il-ħtieġa tagħhom, u barra minn hekk, kull sena organizzat il-ballu tal-SPÖ.

10 Il-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux fuq il-kwistjoni jekk il-Landesorganisation għandhiex titqies bħala persuna taxxabbli fis-sens tas-Sitt Direttiva tal-VAT, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' pubbliċità esterna tagħha intiżi għall-gruppi subordinati u għaldaqstant, għandhiex id-dritt li tnaqqas il-VAT tal-input imħallsa f'dan il-kuntest.

11 Skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, id-dħul irċevut mil-Landesorganisation bejn is-sena 1998 u s-sena 2004 oriġina prinċipalment mill-ħruġ ta' fatturi tas-servizzi pprovduti lill-gruppi reġjonali u lokali, kif ukoll mill-bejgħ tal-biljetti għad-dħul fil-ballu annwali tal-SPÖ. Iżda parti żgħira biss tal-ispejjeż tal-Landesorganisation ġiet iffatturata lill-gruppi subordinati. Dawn tal-aħħar jipparteċipaw fl-ispejjeż tal-Landesorganisation skont il-kapaċità finanzjarja tagħhom — mingħajr ma jeżistu regoli stabbiliti minn qabel li jridu jiġu osservati — u dan obbliga lil-Landesorganisation sabiex issostni, hija nnifisha, il-parti l-kbira tal-ispejjeż magħmula fil-kuntest tal-attivita ta' pubbliċità inkwistjoni. It-telf li rriżulta minn dan seta' jiġi bbilanċjat mill-flus tas-sussidji mill-fondi pubbliċi, tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-partit, tal-miżati mħallsin minn dawn tal-aħħar u tal-għotjiet.

12 Kien biss mis-sena 2004 li s-servizzi li ma setgħux ikunu attribwiti lill-benefiċjarju preċiż, ġew iffatturati lill-gruppi reġjonali fil-forma ta' ħlasijiet imsejħa "ta' relazzjonijiet pubbliċi". L-ammont tal-ħlas kien jiddependi, minn naħa, min-numru ta' membri tal-partit f'kull reġjun u min-naħa l-oħra, min-numru ta' deputati eletti ta' dan ir-reġjun.

13 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Klagenfurt iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva [VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-'pubbliċità esterna' (Außenwerbung), minn grupp reġjonali ta' partit politiku li għandha personalità ġuridika (organizzazzjoni fuq livell reġjonali), fil-forma ta' relazzjonijiet pubbliċi, attività ta' informazzjoni, organizzazzjoni ta' manifestazzjonijiet tal-partit, provvista ta' materjal pubbliċitarju lill-gruppi reġjonali kif ukoll l-organizzazzjoni ta' ballu annwali (ballu tal-SPÖ) għandha titqies li hija attività ekonomika, jekk b'dan il-mod ikun hemm dħul ġej (parzjalment) billi l-ispejjeż għall-'pubbliċità esterna' jiġu addebitati lill-organizzazzjonijiet subordinati tal-partit, li jkollhom personalità ġuridika wkoll (organizzazzjonijiet reġjonali eċċ.) kif ukoll mill-bejgħ tal-biljetti għall-parteċipazzjoni fil-ballu?

2) Fl-evalwazzjoni ta' 'attività ekonomika' skont l-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva, ikollu konsegwenzi negattivi l-fatt li l-attivitajiet imsemmija fid-domanda (1) 'ikunu riflessi' fuq l-organizzazzjoni reġjonali u f'dan is-sens ikunu utli anki għaliha? Hija fin-natura tal-affarijiet li, fil-kuntest ta' dawn l-attivitajiet, anki l-partit stess bħala tali kif ukoll l-għanijiet tiegħu u l-orjentazzjoni politika jiġu kostantement pubbliċizzati, anki jekk mhux b'mod ċentrali, bħala konsegwenza sekondarja inevitabbli?

3) Din tibqa' 'attività ekonomika', fis-sens iċċitat iktar 'il fuq, meta l-ispejjeż għall-'pubbliċità esterna' jaqbżu persistentement u b'mod kunsiderevoli d-dħul miksub minn attivitajiet bħal dawn li jiġu mill-addebitu tal-ispejjeż u mill-organizzazzjoni tal-ballu?

4) Hemm 'attività ekonomika' anki meta l-addebitu tal-ispejjeż ma jsirx skont kriterji ekonomiċi immedjatament individwabbli (pereżempju, il-prinċipju tal-imputazzjoni tal-ispejjeż lil min jikkawżhom jew jibbenefika minnhom) u l-organizzazzjonijiet subordinati essenzjalment jitħallew jiddeċiedu jekk u b'liema mod jipparteċipaw fl-ispejjeż tal-organizzazzjoni reġjonali?

5) Hemm 'attività ekonomika' anki meta l-addebitu tas-servizzi pubbliċitarji lill-organizzazzjonijiet subordinati jseħħ fil-forma ta' kontribuzzjoni, li l-ammont tiegħu jiddependi, minn naħa, min-numru tal-membri tal-organizzazzjonijiet subordinati inkwistjoni, u min-naħa l-oħra min-numru tad-deputati eletti minnhom?

6) Fil-kuntest tal-kwistjoni dwar jekk hemmx attività ekonomika, is-sussidji mill-fondi pubbliċi li ma jaqgħux taħt id-dħul taxxabbli (bħal dak tas-sistema finanzjarja tal-partit tal-Land ta' Carithia) għandhom jitqiesu f'ċertu sens li huma vantaġġi ekonomiċi?

7) Fil-każ li 'l hekk imsejħa pubbliċità esterna', meqjusa fiha nnifisha, tkun attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva, iċ-ċirkustanza li l-attività ta' relazzjonijiet pubbliċi u r-reklamar elettorali huma karatteristika ċentrali tal-attività tal-partiti politiċi u huma kundizzjoni *sine qua non* għall-implementazzjoni ta' għanijiet politiċi u programmi tipprekludi attività bħal din milli tiġi kklasifikata bħala 'attività ekonomika'?

8) L-attivitajiet ipprovduti mill-appellanti, iddefiniti bħala 'pubbliċità esterna', huma tat-tip li jitqabblu mal-attività mwettqa minn uffiċċji kummerċjali pubbliċitarji fis-sens tal-Anness D (Numru 10) tas-Sitt Direttiva jew il-kontenut tagħhom jikkorrispondi magħhom? Fil-każ fejn din id-domanda tingħata risposta fl-affermattiv, fid-dawl tal-istruttura tad-dħul u tal-infiq fil-perijodu li jirrigwarda l-kawża preżenti, il-firxa tal-attività mwettqa tista' tiġi kklassifikata bħala 'mhux insinjifikattiva'?"

Fuq id-domandi preliminari

14 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva tal-VAT

għandux jiġi interpretat fis-sens li attivitajiet ta' pubbliċità esterna mwettqa minn sezzjoni ta' partit politiku ta' Stat Membru għandhomx jitqiesu bħala attività ekonomika.

15 Skont l-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva tal-VAT, persuna taxxabbli tfisser kull persuna li b'mod indipendenti twettaq fi kwalunkwe post waħda mill-attivitajiet ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 2 tal-istess Artikolu, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività. Dan il-kunċett ta' "attivitajiet ekonomiċi" huwa ddefinit fl-imsemmi paragrafu 2 bħala li jinkludi l-attivitajiet kollha ta' produtturi, kummerċjanti u persuni li jipprovdu servizzi u, b'mod partikolari, l-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skop ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa.

16 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li, jekk l-Artikolu 4 tas-Sitt Direttiva tal-VAT jagħti kamp ta' applikazzjoni wiesgħa ħafna lill-VAT, l-attivitajiet li għandhom natura ekonomika biss huma koperti minn din id-dispożizzjoni (ara s-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2007, T-Mobile Austria *et*, C-284/04, Ġabra p. I-5189, punt 34, kif ukoll Hutchison 3G *et*, C-369/04, Ġabra p. I-5247, punt 28).

17 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-analiżi tad-definizzjonijiet tal-kunċetti ta' persuna taxxabbli u ta' attivitajiet ekonomiċi turi b'mod ċar kemm hu wiesa' l-kamp ta' applikazzjoni kopert mill-kunċett ta' attivitajiet ekonomiċi, kif ukoll in-natura oġġettiva ta' dan il-kunċett, fis-sens li l-attività hija kkunsidrata fiha nnifisha, indipendentement mill-għanijiet jew mir-riżultati tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, University of Huddersfield, C-223/03, Ġabra p. I-1751, punt 47; T-Mobile Austria *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35, kif ukoll Hutchison 3G *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

18 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li fil-kawża prinċipali, l-attività mwettqa mil-Landesorganisation kienet tikkonsisti fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, ta' informazzjoni, ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti, ta' kunsinna ta' materjal pubbliċitarju għall-gruppi l-oħra tal-SPÖ u l-organizzazzjoni tal-ballu annwali.

19 F'dan ir-rigward, għandu jiġu osservat, fl-ewwel lok, li l-bażi tat-taxxa ta' provvista ta' servizzi hija kkostitwita minn dak kollu li jiġi rċevut bħala korrispettiv għas-servizz ipprovdut u li provvista ta' servizzi hija taxxabbli biss meta teżisti rabta diretta bejn is-servizz ipprovdut u l-korrispettiv irċevut. Minn dan jirriżulta li provvista ta' servizzi ssir "bi ħlas", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tas-Sitt Direttiva, u għaldaqstant hija taxxabbli, fil-każ biss li bejn il-fornitur u l-benefiċjarju tkun teżisti relazzjoni legali li fiha jkun hemm eżekuzzjoni reċiproka, billi l-ħlas li jirċievi l-fornitur ikun il-korrispettiv effettiv għas-servizz ipprovdut lill-benefiċjarju (sentenza tat-3 ta' Marzu 1994, Tolsma, C-16/93, Ġabra p. I-743, punti 13 u 14, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

20 Fit-tieni lok, għandu jiġi ppreċiżat li, fil-kuntest tal-Artikolu 4(2) tas-Sitt Direttiva tal-VAT, il-kunċett ta' "sfruttament" jirreferi, skont ir-rekwiżiti tal-prinċipju tan-newtralità tas-sistema komuni tal-VAT, għal kull tranżazzjoni, tkun xi tkun il-forma legali tagħha, intiża sabiex ikun hemm dħul minnha fuq bażi kontinwa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' April 2004, EDM, C-77/01, Ġabra p. I-4295, punt 48, u tal-21 ta' Ottubru 2004, BBL, C-8/03, Ġabra p. I-10157, punt 36).

21 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li l-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bħal dik deskritta fil-punt 18 ta' din is-sentenza, tikkonsisti f'tranżazzjonijiet ta' pubbliċità. Madankollu, f'dan il-każ, dan l-isfruttament ma jippermettix li jiġi ġġenerat dħul b'mod kontinwu.

22 Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li, sabiex l-SPÖ tkun tista' tkompli bl-attivitajiet tagħha, hija ffinanzjata minn sussidji mill-fondi pubbliċi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali Awstrijaka dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, minn diversi għotjiet u mill-miżati mħallsin mill-membri ta' dan il-partit.

23 Għaldaqstant, l-uniku dħul kontinwu kien ġej mill-finanzjament pubbliku u l-miżati tal-membri tal-imsemmi partit, dħul li ngħabar sabiex jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

24 Għaldaqstant, permezz ta' attivitajiet bħal dawn, l-SPÖ twettaq attività ta' komunikazzjoni, fil-kuntest tal-għanijiet politiċi tagħha, intiża sabiex ixxerred l-ideat tagħha bħala organizzazzjoni politika. B'mod iktar partikolari, l-attività tal-SPÖ, permezz tal-intermedjarju tal-Landesorganisation, hija li tikkontribwixxi għall-formazzjoni tar-rieda politika bl-għan li tipparteċipa fl-eżerċizzju tas-setgħa politika. Madankollu, billi wettqet din l-attività, l-SPÖ ma pparteċipat f'ebda suq.

25 Konsegwentement, l-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tikkostitwixxi attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva tal-VAT.

26 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għandha tkun li l-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva tal-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li attivitajiet ta' pubbliċità esterna mwettqa minn sezzjoni ta' partit politiku ta' Stat Membru ma jistgħux jitqiesu bħala attività ekonomika.

Fuq l-ispejjeż

27 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja, (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi

uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li attivitajiet ta' pubbliċità esterna mwettqa minn sezzjoni ta' partit politiku ta' Stat Membru ma jistgħux jitqiesu bħala attività ekonomika.

Firem